Ħelsinki, 23 ta’ April 2008
**Dok: MB/17/2008 finali**[1]

# DEĊIŻJONI LI TISTABBILIXXI RIMEDJI GĦAR-REVIŻJONI TA’ RIFJUT SĦIĦ JEW PARZJALI TA’ TALBA GĦALL-KUNFIDENZJALITÀ SKONT L-ARTIKOLU 118(3) TAR-REGOLAMENT (KE) NRU 1907/2006

(Dokument adottat mill-Bord ta' Tmexxija)

[1] Emendat l-aħħar fl-1 ta’ April 2012 (Aġġornament tal-Anness bid-Dok: ED/25/2012)

IL-BORD TA' TMEXXIJA TAL-AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SUSTANZI KIMIĊI

Wara li kkunsidra l-Artikolu 118(3) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (minn hawn ’il quddiem ir-“Regolament REACH”),

Billi:

(1) L-Artikoli 118(2) u 119(2) tar-Regolament REACH jipprevedu protezzjoni għall-interessi kummerċjali ta’ persuni li jissottomettu informazzjoni lill-Aġenzija.

(2) L-Artikolu 118(3) tar-Regolament REACH jipprevedi l-adozzjoni ta’ rimedji meħtieġa għar-reviżjoni ta’ rifjut parzjali jew sħiħ ta’ talba għall-kunfidenzjalità.

(3) Jenħtieġ jiġu stabbiliti regoli għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 118(3) tar-Regolament REACH li għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*
*Kamp ta’ applikazzjoni*

Din id-Deċiżjoni tippreskrivi l-arranġamenti skont liema, ir-reġistranti skont it-tifsira tar-Regolament REACH jistgħu jfittxu rimedju f'sitwazzjoni fejn l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (minn hawn ’il quddiem ‘l-Aġenzija’) tkun irrifjutat totalment jew parzjalment talba għall-kunfidenzjalità li tkun saret fid-dossier tar-reġistrazzjoni tagħhom.

*Artikolu 2*
*Rifjut ta’ talba għall-kunfidenzjalità*

Deċiżjoni mill-Aġenzija biex tirrifjuta talba għall-kunfidenzjalità għandha tiġi nnotifikata lir-reġistrant bil-miktub, fejn xieraq b’mezzi elettroniċi, u għandha tinfurmah bid-dritt tiegħu li jitlob reviżjoni mill-Aġenzija fi żmien xahrejn minn meta jirċievi d-deċiżjoni.

L-informazzjoni inkwistjoni ma għandhiex tiġi ppubblikata qabel ma tkun għaddiet l-iskeda ta’ żmien għal talba ta’ reviżjoni jew l-Aġenzija tkun ħadet deċiżjoni dwar it-talba għal reviżjoni.

*Artikolu 3*
*Talba għal reviżjoni*

Kull deċiżjoni li tirrifjuta talba għall-kunfidenzjalità parzjalment jew kompletament tista' tiġi kkontestata fi żmien xahrejn minn meta tasal id-deċiżjoni, billi tiġi sottomessa talba għal reviżjoni lill-Aġenzija.

Talbiet għal reviżjoni ta' deċiżjoni li tirrifjuta talba għall-kunfidenzjalità għandhom jintbagħtu bil-miktub, bir-raġunijiet li għalihom tkun qed tintalab reviżjoni tad-deċiżjoni u inkluż kwalunkwe informazzjoni ta' appoġġ meħtieġa li tissostanzja dawn ir-raġunijiet. L-indirizzi fejn għandhom jintbagħtu t-talbiet għal reviżjoni huma elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni. Id-Direttur Eżekuttiv jista' jiddeċiedi li jaġġorna l-Anness kif meħtieġ.

Malli t-talba għal reviżjoni tiġi rreġistrata, għandha tintbagħat riċevuta tal-wasla lir-reġistrant bil-miktub, fejn xieraq, b'mezzi elettroniċi.

*Artikolu 4*
*Trattament ta' talbiet għal reviżjoni*

L-Aġenzija għandha tieħu deċiżjoni dwar it-talba għal reviżjoni fi żmien xahrejn mid-data tar-reġistrazzjoni tat-talba.

Id-deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lill-applikant bil-miktub, fejn xieraq b'mezzi elettroniċi, u għandha tinfurmah bid-dritt tiegħu li jiftaħ kawża quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza jew, jekk xieraq, iressaq ilment quddiem l-Ombudsman Ewropew.

*Artikolu 5*
*Dħul fis-seħħ*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2008.

*Artikolu 6*
*Pubblikazzjoni*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija.

## ANNESS

## INDIRIZZI GĦAS-SOTTOMISSJONI TA’ TALBIET GĦAL REVIŻJONI TA’ DEĊIŻJONIJIET LI JIRRIFJUTAW TALBA GĦALL-KUNFIDENZJALITÀ

Jekk it-talba għal reviżjoni tirrigwarda deċiżjoni li tirrifjuta totalment jew parzjalment talba għall-kunfidenzjalità skont l-Artikolu 119 (2) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006

Permezz ta’ formola web li tinsab hawn:

https://comments.echa.europa.eu/comments_cms/RequestForReview.aspx

Permezz ta’ fax: +358 9 6861 8933

Jekk it-talba għar-reviżjoni tirrigwarda deċiżjoni li tirrifjuta l-użu ta’ isem kimiku alternattiv skont l-Artikolu 24 (4) tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 jew deċiżjoni mill-Aġenzija biex tirtira jew temenda d-deċiżjoni tagħha dwar l-użu ta' isem kimiku alternattiv abbażi ta’ informazzjoni ġdida skont l-Artikolu 24(6) tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008

Permezz ta’ formola web li tinsab hawn:

https://comments.echa.europa.eu/comments_cms/RequestForReviewACN.aspx

Permezz ta’: +358 9 6861 8934

Għaż-żewġ każi:

Bil-posta: European Chemicals Agency (ECHA)
Executive Director
P.O Box 400
FI-00121 Helsinki